



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0024/2011

7.2.2011

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 li jistabbilixxi miżuri tekniċi tranżitorji mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 (COM(2010)0488 – C7-0282/2010 – 2010/0255(COD))

Komitat għas-Sajd

Rapporteur: Estelle Grelier

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (iii) Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

| | |
|--|---|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 4 |
| NOTA SPJEGATTIVA..... | 6 |
| PROCĊEDURA..... | 7 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 li jstabbilixxi miżuri tekniċi tranżitorji mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 (COM(2010)0488 – C7-0282/2010 – 2010/0255(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0488),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0282/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2011¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0024/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu uniku – punt 1 – subpunt b – subpunt i – inċiż 5

Regolament (KE) nru 1288/2009

Artikolu 1 – paragrafu 2 - punt a - subpunt vi

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

vi) il-punt 6.8, it-tieni paragrafu, għandu jinbidel b'dan li ġej: "L-Istati Membri

vi) il-punt 6.8, it-tieni paragrafu, għandu jinbidel b'dan li ġej: "L-Istati Membri

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

kkonċernati għandhom jibagħtu r-riżultati tal-provi u tal-esperimenti sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena li fiha dawn ikunu twettqu";

kkonċernati għandhom jibagħtu r-riżultati tal-provi u tal-esperimenti ***lill-Kummissjoni*** sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena li fiha dawn ikunu twettqu";

Ġustifikazzjoni

Fl-interess taċ-ċarezza tal-proposta, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li r-riżultati tat-testijiet u l-esperimenti għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni.

Emenda 2

**Proposta għal regolament - att li jemenda
Artikolu Uniku – punt 1 – punt b a (ġdid)
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009
Artikolu 1 - paragrafu 2 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

“(ga) Għandu jiżdied il-punt li ġej:

’(18a) Daqs tax-xibka għall-pixxitrumbetta

Il-pixxitrumbetta (Capros aper) qed jiżdied mal-lista ta' speċi taħt il-malji ta' daqs ta' bejn 32 millimetru u 54 millimetru fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' iżgħar ta' organiżmi tal-baħar.”

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-pixxitrumbetta fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill 850/98 tneħħi kull ambigwità li teżisti fir-regolament fir-rigward tad-daqs xieraq tal-malji li għandu jintuża għas-sajd tal-pixxitrumbetta kif ukoll, u b'mod aktar importanti, tadotta l-parir mogħti minn STECF dwar id-daqs xieraq tal-malji li għandu jintuża għall-pixxitrumbetta.

NOTA SPJEGATTIVA

Fl-2008, in-nuqqas ta' ftehim dwar abbozz ta' regolament li jissimplifika u jiċċara r-regoli tal-Komunità fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd wassal għal adozzjoni ta' regolament li jstabilixxi pakkett ta' miżuri tranżitorji li inizjalment kienu intenzjonati għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-30 ta' Ġunju 2011.

Il-proposta leġiżlattiva preżenti għandha l-għan li testendi dawn l-arranġamenti tranżitorji bi 18-il xahar, jiġifieri sal-1 ta' Jannar 2013, sabiex jiġi stabbilit pakkett ġdid ta' miżuri tekniċi fil-qafas tar-riforma attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd, li dwarha għandha tiġi ppreżentata proposta mill-Kummissjoni matul is-sena 2011.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tiegħu vantaġġ minn dan il-perjodu l-ġdid ta' tiġdid tar-regolament attwali sabiex, flimkien mal-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, tagħmel evalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri attwali fuq il-bastimenti li qed japplikawhom u fuq l-ekosistemi kkonċernati. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-riżultati ta' din l-evalwazzjoni sabiex tistabilixxi l-proposta l-ġdida għal regolament għal wara l-1 ta' Jannar 2013, li l-adozzjoni tagħha għandha ssir fil-kuntest tal-proċedura tal-kodeċiżjoni, b'segwitu għall-applikazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona.

Matul l-aħħar leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta r-Riżoluzzjoni A6-0206/2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fl-Oċean Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana.

F'din ir-riżoluzzjoni ġiet enfasizzata l-importanza ta' distribuzzjoni xierqa tal-kompetenzi bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni. Il-Parlament iqis li huwa aktar xieraq li jiġu stabbiliti normi speċifiċi għal kull reġjun ikkonċernat mis-sajd fl-ibħra tal-Komunità.

Il-Parlament iqis li l-proposta ġejjiena tal-Kummissjoni dwar il-miżuri tekniċi għandha tistabilixxi l-elementi essenzjali tar-regolament li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill u tal-Parlament b'mod konformi mal-kodeċiżjoni. L-applikazzjoni tal-atti ddelegati u l-komitoloġija għandha tkun limitata għal kwistjonijiet mhux essenzjali.

PROĊEDURA

| | | | |
|---|--|--------------|----------|
| Titolu | Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 li jistabbilixxi miżuri tekniċi tranżitorji mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 | | |
| Referenzi | COM(2010)0488 – C7-0282/2010 – 2010/0255(COD) | | |
| Data meta ġiet ippreżentata lill-PE | 23.9.2010 | | |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH 7.10.2010 | | |
| Rapporteur(s) Data tal-ħatra | Estelle Grelier 29.9.2010 | | |
| Eżami fil-kumitat | 26.10.2010 | 30.11.2010 | 1.2.2011 |
| Data tal-adozzjoni | 1.2.2011 | | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: | 18 4 0 | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Josefa Andrés Barea, Antonello Antinoro, Kriton Arsenis, Alain Cadec, João Ferreira, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Marek Józef Gróbarczyk, Carl Haglund, Ian Hudghton, Werner Kuhn, Gabriel Mato Adrover, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Britta Reimers, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Struan Stevenson, Catherine Trautmann, Jarosław Leszek Wałęsa | | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Luis Manuel Capoulas Santos, Ole Christensen, Estelle Grelier, Matthias Groote, Raül Romeva i Rueda, Antolín Sánchez Presedo | | |
| Data tat-tressiq | 7.2.2011 | | |